# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzjonali)

**ONOR.IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tal-lum It-Tnejn 15 ta' Diċembru, 2023.**

**Rikors Kostituzzjonali nru. 40/2021MH**

**Numru:**

**Ganni Attard**

**Vs**

**L-Avukat ta' L-Istat u L-Kummissarju Tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors Kostituzzjonali** fejn Ġanni Attard ippermetta u lmenta li:-

*"Illi 1-esponenti kien gie akkuzat talli fit- tnejn (2) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tnax (2012) u fix-xhur ta' qabel gewwa 1-limiti ta' San Dimitri, Gharb, Ghawdex, ittrasferixxa / caqlaq u zamm illegalment numru ta' an-nimali bi ksur tal-Artikoli 35 (i) (c) (iii) tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarju, 1-Ligi Sussidjarja 437.78 li jispecifika 1-ldentifikazzjoni ta' Registrar ta' An-nimali u r-Regolament tal-Unjoni Ewropea 21/2004 li jistabilixxi s-siste-ment ta' Registrazzjoni u Identifikar ta' naghag u moghoz;*

*Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017)*

*l-esponenti kien instab hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hamest elef Euro (€5,000) li ghandha tithallas fi zmien tlett (3) snin;*

*Illi 1-esponenti hass ruhu aggravat mill-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u interpona appell mill-imsemmija sentenza hekk kif anke 1-Avukat General interpona appell mill-istess;*

*Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar, tas-sena elfejn u (2018) 1-imsemmija appelli kemm dak tal-esponenti u anke dak tal-Avukat Generali gew michuda u ghalhekk is-sentenza tal-Qorti tal-Magisrtrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali giet ikkonfermata;*

*Illi jirrizulta pero' u dan hekk kif kien gie osservat ex oficcio mill-Qorti tal-Appell Kriminali, illi l-esponenti kien misjub hati bi ksur tar-Regolamenti fil-Ligi Sussidjarja 437.78 (Avviz Legali 346 tal-2015);*

*Illi hekk kif intqal mill-imsemmija Onorabbli Qorti:*

*"Dan 1-Avviz Legali jirreferi ghar-Regoli dwar 1-ldentifikazzjoni u Registrazzjoni ta' Majjali meta hawn si tratta ta' naghag. Ezaminati r-regolamenti maghmulha taht il-Kapitolu 437, ma jezisti ebda wiehed rigward 1-identifikazzjoni, registrazzjoni jew zamma ta' naghag ghajr dak numru 437.13 - Regolamenti dwar Naghag u Moghoz ghat-tghammir tar-Razza Pura li ma jipotizzax ir-reat in dizamina,"*

*Illi hekk kif stabbilit diversi drabi mill-Qrati taghna, "sentenza ghandha 1-effett li tistabilixxi fatt accertat ghaliex ir-regola f'kull ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza 'pro veritate habetur'.*

*Illi fid-dawl tal-fatti hawn fuq esposti u tac-cirkostanzi tal-kaz odjern, 1-esponenti jirrileva li 1-fatt li huwa nstab hati taht ordinament legali li huwa ghal kollox estranju ghall-esponenti jmur kontra d-Drittijiet u 1-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;*

*Illi bis-sejbien ta' htija hekk kif hawn fuq imsemmi, 1-esponenti gie mcahhad mid-dritt tieghu sancit ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u cioe' li:*

*"Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba fxi att jew ommissjoni li, fil-hin meta jkun sar, majkunx jikkostitwixxi reat*

> *bhal dak, u ebda piena ma ghandha tigi mposta ghal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-oghla piena li setghet tigi mposta ghal dak ir-reat fiz-zmien meta jkun gie maghmul."*

*Illi dan id-Dritt Fundamentali jinstab ukoll sancit fil-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-7 Artikolu u cioe' li:*

> *"Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba fxi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar. "*

*Illi konsiderat is-suespost, 1-esponenti qieghed iqanqal quddiem din 1-Onorabbli Qorti dawn il-fatti sabiex jigu debitament mistharrga mill-istess Onoarabbli Qorti u dan fid-dawl tal-fatt tas-segwenti osservazzjonijiet:*

*Illi fil-mument tal-hrug tal-akkuza u cioe' fit-8 April, 2014, fil-konfront tal-esponenti, il-Legislazzjoni Sussidjarja 437.78 kienet Ianqas biss ghadha fis-sehh u dan stante li 1-Avviz Legali Nru. 346 tal-2015 gie promulgat' fit-23 ta' Ottubru, 2015 u ghalhekk bil-bosta wara il-hrug tal-akkuzi fil-konfront tal-esponenti;*

*Illi barra minn hekk, I-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja 437.78 titkellem dwar 'Regoli dwar I-Identifikazzjoni u r-Registrazzjoni ta' Majjali' u ghalhekk altru milli annimali li jiffurmaw il-mertu tal-kaz ta' Ganni Attard;*

*Illi jinghad ukoll illi ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma setghet qatt issib htija a bazi tal-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja kkwotata u indikata fl-att ta' akkuza;*

*Illi kardinali huwa I-insenjament legali li kull bniedem ghandu dritt ghal kjarezza fl-ordinament guridiku u legali I-hekk imsejha 'legal certainty';*

*Illi hekk kif sabbilit fil-kaz Kokkinakis v. Greece (1994) "an offence must be clearly defined in law" biex tkun kompatibbli tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u ghalhekk "the requirement that a legal definition of a crime be drafted as precisely as possible is ... part and parcel of the principle enshrined in Article 7(1)" •*

*Illi ghalhekk huwa evidenti Ii f'dawn ic-cirkostanzi fejn I-esponenti, rinfaccat bi proceduri penali, akkuzat b'regolament ghal kollox estraneu ghall-mertu tal-kaz, ma setax jinstab hati ta' dan ir-reat kontemplat fil-Legislazzjoni Sussidjarja imsemmija u konsegwentement, il-fatt li huwa nghata*

*piena taht I-imsemmija dispozizzjoni, tivvjola d-drittijiet tieghu taht il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u I-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*Ili jsegwi ghalhekk illi jezistu ragunijiet gravi u sufficcjenti I-ghaliex jirrizulta li d-Drittijiet u I-Libertajiet Fundamentali tal-esponenti Ganni Attard gew lezi fl-ghoti tal-imsemmija sentenzi u konsegwentement permezz tal-piena inflitta u dan bi ksur tal-Artikoli hawn' fuq indikati;*

*Ghaldaqstant, I-esponenti jitlob umilment lil din I-Onorabbli Qorti jogh-gobha:*

1. *Tiddikjara illi s-sejbien ta' htija ta' Ganni Attard permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju, 2017 hekk kif konfermata bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Jannar, 2018 tivvjola d-dritt tar-rikorrenti, senjatament l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u I-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, peress illi huwa gie misjub hati ai termini ta' Regolament li ma setax ikun applikabbli ghall-kaz in kwistjoni;*

2. *Tiddikjara illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura tas-6 ta' Lulju, 2017 hekk kif konfermata bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Jannar, 2018 tivvjola d-drittijiet tar-rikorrenti, senjatament I-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u I-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta peress illi tali decizjoni ma hijiex msejsa fuq iddispozizzjoni espressa tal-Ligi applikabbli ghall-kaz in ezami;*

3. *Taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni fosthom dawk li tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju, 2017 hekk kif konfermata bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Jannar, 2018 ma kenitx ibbazati skond il-ligi u dan stante li hija bi ksur tad-Drittijiet Fundamentali tar-rikorrent Ganni Attard;*

4. *Tordna I-hlas ta' kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.*

*BI-ispejjez."*

Rat **ir-risposta** ta' l-Avukat tal-Istat u tal-Kummissarju tal-Pulizija[1] fejn irrispondew li-:

*"Illi r-rikorrenti qieghed jallega ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghaliex gie misjub hati mill-Qrati penali reat li ma kienx applikabbli ghal kaz in kwistjoni.*

*Illi I-esponenti jirrespingu dawn I-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li, kif ser jigi spjegat aktar ' I isfel, I-ebda agir ta' I-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti.*

***Fatti***

*Illi I-esponenti ser isemmu b'mod konciz xi fatti li huma relevanti ghal-kaz odjern.*

*Illi fit-2 ta' Novembru 2012, ufficcjali mid-Dipartiment tas-Servizz Veterinarju u mid-Direttorat tat-Trattament Xieraq ta' I-Annimali, wara li kienu spezzjonaw ic-Cirku li kien armat fil-lokalita' ta' Ghajnsielem, Ghawdex, iddecidew li jzuru u jispezzjonaw postijiet ohra li dwarhom kienu rcevew rapport ta' attivita' illegali. Fost dawn irrapporti kien hemm rapport relattiv ghal razzett fil-limiti ta' San Dimitri, Ghawdex liema rapport kien jinvolvi attivita' illegali li tinvolvi annimali. Illi mill-ispezzjoni li saret fuq ir-razzett indikat rrizulta li kien razzett legalment registrat u li kien kopert bil-permessi kollha mehtiega.*

*Illi ezattament kif I-ufficjali flimkien mal-kuntistabbli tal-pulizija hargu mir-razzett lemhu merhla mdaqqsa ta' naghag li kienet qieghda tirgha fl-ghelieqi fl-istess zona ta' San Dimitri. Meta I-ufficcjali resqu lejn il-merhla ndunaw li I-ebda animal ma kellu takka tal-identifikazzjoni ufficjali fil-widna (il-misluta tac-comb).*

*Illi l-ufficcjal mid-Dipartiment tas-Servizz Veterinarju ikkuntatja ufficjal iehor sabiex jivverifika dan il-fatt minn-National Livestock Database minn fejn irrizulta li ma kien hemm l-ebda permess li jkopru l-attivita'. L-ufficcjal informa lir-rikorrenti dwar dan u saqsih ghal spjegazzjoni ghalfejn l-annimali ma kellhomx identifikazzjoni izda inghata twegiba fis-sens li l-istess rikorrenti ma ghandux bzonn li jottjeni l-ebda permess biex irabbi n-naghag.*

*Illi wara li gie vverifikat u kkonfermat li r-razzett u l-annimali tar-rikorrenti kienu qed jinzammu illegalment, ittiehdet id-decizjoni li l-annimali jigu distrutti.*

*Illi sussegwentement minhabba l-illegalita' li ikkonstataw l-ufficjali involuti, rrikorrent Ganni Attard gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ittrasferixxa/caqlaq/zamm illegalment*

[1] Folio 14

*numru ta' annimali bi ksur tal-artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Att dwar is-Servizz Veterinarju u tal-L.S. 437.78. Illi b'sentenza datata 6 ta' Lulju 2017 il-Qorti sabet lir-rikorrenti hati tal-imputazzjoni u ikkundannatu ihallas multa' ta' 5,000 euro. Ir-rikorrenti u l-Avukat Generali appellaw mis-sentenza liema appell gew michuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2018.*

*Illi l-ilment tar-rikorrenti f"din il-kawza kostituzzjonali jirrigwarda l-imputazzjoni ta' ksur tar- regolamenti fil-Ligi Sussidjarja 437.78.*

***L-ebda ksur tal-artikoli invokati mir-rikorrenti.***

1. *Illi in linea preliminari jinghad li r-rikorrenti naqas milli juza rimedju ordinarju effettiv li taghtih il-ligi u cioe' li jappella minn dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Gudikatura Kriminali li hassu aggravat minnha. Galadarba l-ilment tar-rikorrent huwa li gie misjub hati erronjament ta' imputazzjoni li mhijiex applikabbli ghal-kaz tieghu u galadarba rikorrenti ma appellax minn dik il-parti tas-sentenza jirrizulta car li r-rikorrenti ma uzax rimedju ordinarju effettiv li taghtih il-ligi u cioe' li jqajjem aggravju f'dak is-sens fl-appell li qanqal quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Huwa inutli li issa r-rikkorrenti jigi bl-argument li l-Qorti kienet zbaljata fid-decizjoni taghha meta dan l-izball kellu jigi mqajjem u deciz semmai quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Konferma ta' dan kollu gej mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Jannar 2018 meta l-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjoni :*

*Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tifhem kif l-appellant qatt seta kien misjub hati ukoll ta' ksur ta' dan ir-regolament **izda huwa ma qanqal ebda appell in rigward;***

*Ghalhekk din I-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita I-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u I-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta stante non-ezawriment mezzi ordinarji rimedju.*

2. *Illi fil-mertu jinghad li r-rikorrenti donnu qed igieb I-argument fazull li hu instab hati ta' reati li ma kienux applikabbli jew Ii ma kienux fis-sehh fiz-zmien meta hargu I-akkuzi.*

*L-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal- Bniedem jghid issegwenti :-*

*Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar*

*Bhala punt ta' principju gie stabbilit li biex wiehed ikun jista' jinvoka favur tieghu I-protezzjoni taht **I-artikolu 7 tal-Konvenzjoni** huwa mehtieg li dak li jkun ikun instab hati ta' reat li ma jkunx kontemplat fil-ligi u li jkun gie espost ghall-piena Ii tkun ehrex minn dik li tkun applikabbli skont I-istess ligi. Jghidu dwar dan il-punt I-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick** fl-opra taghhom, Law of the European Convention on Human Rights, (it-tieni edizzjoni pagna 332) li, "The wording of Article 7(1) is limited to cases in which a person is ultimately 'held guilty' of a criminal offence **(X v Netherlands No 7512/76).** A prosecution that does not lead to a conviction, or has not yet done so, cannot raise an issue under Article 7 — at least not by means of an individual application **(Xv UK No 6056/73)";***

*Ghalhekk dan I-artikolu jistabilixxi li:-*

i. *huwa projbit li persuna tigi akkuzata b' reat meta fil mument meta hija ikkommettiet I-att, dak I-att ma kienx jammonta ghal reat , i.e. retroactive application of a criminal offence;*

ii. *persuna tista' titressaq biss ghal reat illi kien jammonta ghal tali meta gie kommess I-att;*

iii. *isegwi illi sabiex tkun taf jekk I-azzjoni hijiex wahda kriminali jew le, jehtieg li I-ligi li tikkostitwixxi dak ir-reat tkun accessibbli u cara, i.e."legal certainty. "*

*Dan huwa rifless ukoll fl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni.*

*Minn qari tas-sentenzi tal-Qrati penali huwa evidenti li r-rikorrent instab hati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:*

*1) Kull min ikun is-sid, id-detenetur, in-negozjant jew I-importatur, iddestinatarju, it-trasportatur, il-bejjiegh blimnut jew kull persuna ohra li tkun awtorizzata taht iddisposizzjonijiet ta' dan I-Att biex tiddisponi minn annimali hajjin, prodotti ta' origini mill-annimali, prodotti elenkati fl Ewwel Skeda, ghalf tal-annimali jew prodotti medicinali veterinarji, jew ir-rapprezentant ta' dawk il-persuni, jew min ikun inkarigat minn xi attivita' veterinarja privata, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan I-Att*

*(c) ghandu josserva kull I-obbligazzjoni imposta taht dan I-Att li ghandha x'taqsam ma' mard li jittiehed, u jimplimenta regoli relattivi; minghajr pregudizzju ghall generalita' ta' dak hawn qabel imsemmi, dawk il-persuni ghandhom*

*(iii) jidentifikaw u jirregistraw annimali, u jiddikjaraw c-caqlieq ta' annimali li jkunu taht ir-responsabilita' taghhom.*

*2) II-Ministru jista' jaghmel regoli li jipprovdu li kull persunali tikser iddisposizzjonijiet taghhom tkun hatja ta' rent kontra dan l-artikolu u tehel, meta tinsab hatja, dik il-piena li tista' tigi preskritta mill-Ministru, liema piena tkun ta' prigunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur jew multa ta' mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf u mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73)*

*Illi dan ir-reat kien ilu fis-sehh mil-bidu nett meta gie promulgat il-Kap 437 fl-2002 u allura huwa skorrett ghal-ahhar ir-rikorrent meta jipprova jaghti l-impressjoni li anke dan ir-reat li ma kienx fis-sehh meta hargu I-akkuzi.*

*Illi ghal dak li jirrigwarda r-reat ghal-ksur tal-regolamenti fil-ligi sussidjarja 437.78 l-esponent jirrileva li r-rikorrent kellu I-opportunita'u I-ghodda kollha li taghtih il-ligi, partikolarment permezz ta' appell, sabiex jikkontesta s-sejbien ta' htija li sabu I-Qrati penali. Galadarba il-process kriminali intemm u ghandna sentenza li hija res judicata, I-esponent ma jistghax juza dawn il-proceduri kostituzzjonali sabiex ibiddel din ir-realtî guridika jew sabiex din il-Qorti tiddetermina jekk il-Qorti I-ohra kinitx korretta jew le. Ifisser dan kollu, illi proceduri odjerni ma ghandhomx jithallew ikunu mezz ta' appell ulterjuri dwar il-"korrettezza" ta' sentenzi moghtija minn qrati ta' kompetenza ordinarja. Kif imtenni fit-twegiba konvenzjonali tal-esponent, mhux kull interpretazzjoni hazina tal-fatti hija ksur ta' jedd fondamentali u mhux kull meta kawza tintilef minhabba interpretazzjoni jew apprezzament hazina tal-fatti jaghti jedd illi l-meritu jkun ezaminat mill-gdid fid-dawl tal-ligijiet li jharsu l-jeddijiet fondamentali.*

*Illi jsegwi ghalhekk li l-ebda dritt garantit permezz tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni ma gie mittiefes.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*BI-ispejjez."*

Rat l-atti kollha tal-kawża n partikolari dawk tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Puliżija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs John Attard.[2]

Rat ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet presentati miż-żewġ partijiet.

Ikkunsidrat

[2] Appell nru. 343/2017

Illi dan l-ilment Kostituzzjonali u Konvenzjonali ġie xprunat minn żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) tas-6 ta' Lulju, 2017 kif ikkonfermata bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 26 ta' Jannar, 2028. Jilmenta li dawn iż-żewġ sentenzi jivvjolawlu d-dritt tiegħu kif sanċit fl-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi inevitabbilment biex il-Qorti tindaga din il-veretenza trid tħares lejn dak li hu s-sors tal-ilment tar-rikorrenti Attard.

Fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti Attard ġie misjub ħati kif ġej;

*"Għaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat John Atttard ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli indikati, tikkundannah multa ta' ħames t'elef ewro (€5000) li trid titħallas fi żmien tliet(3) snin mil-lum"*

Minn naħa tagħha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kkonkludit billi ċaħdet kemm l-appell tar-rikorrenti Attard *inter alia* fuq valutazzjoni ta' fatti, ukoll ta' l-Avukat Ġenerali fuq in-nuqqas tal-konfiska tan-nagħaġ involuti.

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali *obiter* qalet dan :-

*"3. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti tosserva illi apparti li l-appellant kien imputat bi ksur tal-artikolu 35 tal-Kapitolu 437, kien imputat u misjub hati bi ksur tar-regolamenti fil-Ligi Sussidjarja 437.78 (Avviz Legali 346 tal-2015). Dan l-Avviż Legali jirreferi ghar-Regoli Dwar l-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Majjali meta hawn si tratta ta' naghag. Ezaminati r-regolamenti maghmulha taht il-Kapitolu 437, ma jezisti ebda wiehed rigward l-identifikazzjoni, registrazzjoni jew zamma ta' naghag ghajr dak numru 437.13 – Regolamenti dwar Naghag u Moghoz ghat-tghammir tar-Razza Pura li ma jipotizzax ir-reat in dizamina. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tifhem kif l-appellant qatt seta kien misjub hati ukoll ta' ksur ta' dan irregolament* ***izda huwa ma qanqal ebda appell in rigward;"*** ***<u>(Enfasi ta' din il-Qorti)</u>***

**Kien dan il-kumment tal-Qorti tal-Appell li xxpruna dan l-ilment in deżamina.**

Ikkunsidrat

Li marbut ma dan u l-mod kif ġie interpost l-appell tar-rikorrenti mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati huwa neċessarju li tiġi eżaminata l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati li titratta n-nuqqas ta' użu da parti tar-rikorrenti ta' rimedji ordinarji. L-intimati jressqu d-difiza illi kien jispetta lir-rikorrenti li jagħmel użu tajjeb mid-dritt ta' l-appell li tagħtih il-liġi biex b'hekk jinterponi d-debitu appell ġust, appropju u floku kontra s-sejbien ta' ħtija fuq artikoli tal-liġi li ma kienux relatati ma' l-akkużi miġjuba kontrih.

Ħarsa lejn l-Appell interpost mir-rikorrenti wieħed isib illi huwa fil-fatt ressaq l-aggravji segwenti;

-Nuqqas tal-prosekuzzjoni ta' prova ta' l-eżistenza ta' animali sostnut bl-argument *"quod non est in acta non est in mundo'*

-konoxxenza tad-Dipartiment għar-Regolazzjoni Veterinarja ta' l-eżistenza tal-animali *de quo*.

-nuqqas ta' prova ta' trasferiement u ċaqliq tal-animali skont l-artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Kap 437.

**Kif korrettament issenjalaw l-intimati l-appell interpost mir-rikorrenti ma jittratta qatt dak li ġie sollevat mill-Qorti kif indikat.**

Il-Qorti tirreferi għal ġurisprudenza fir-rigward.

Għalhekk fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Ramon Fenech vs Avukat ta' l-Istat**[3] il-Qorti kellha dan xi tgħid fir-rigward:-

*"Din id-difiża tal-Avukat tal-Istat hija mibnija fuq il-ħsieb li, qabel ma persuna tersaq quddiem din il-qorti biex tingħata rimedju għall-ksur ta' jedd fundamentali tagħha, hija trid tkun inqdiet l-ewwel bir-rimedji l-oħrajn li l-liġi tagħti lil dik il-persuna f'dik il-qagħda;*

*Insibu fil-**provisos** għall-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u għall**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**, li l-leġislatur ħalla fl-għaqal tal-Qorti mogħnija bis-setgħat kostituzzjonali, biex min-naħa l-waħda ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali jew konvenzjonali bla bżonn, u biex min-naħa l-oħra jiġi żgurat li f'każijiet li jixirqu li jiġu eżaminati taħt il-lenti kostituzzjonali jew konvenzjonali, dawn jiġu hekk eżaminati fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma, jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha. Tassew il-provisos ta' dawn iż-żewġ artikoli mhumiex maħsuba biex il-qorti taħrab mir-responsabbilità li tqis ilmenti ta' bixra kostituzzjonali, iżda fuq ix-xaqliba l-oħra weħed irid iqis li jekk hemm jew kien hemm rimedji ordinarji xierqa u effettivi, il-qorti għandha l-għażla li tmil lejn iċċaħda tal-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq imsemmija (ara **Elvia Scerri et v. Awtorità tad-Djar et** deċiża mill-Qort Kostituzzjonali fit-13 ta' April, 2018);*

*Id-diskrezzjoni dwar jekk qorti tagħżilx li twettaq is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le tista' titqajjem mill-istess qorti minn rajha, anke jekk ma jkunx hemm eċċezzjoni formali mill-partijiet (ara **Easygas Malta Ltd v. Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali et** deċiża mill-Qorti*

[3] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sede Kost 28/10/2022 rikors 31/2022

*Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru, 2012,* ***Olaf Ċini v. Ir-Repubblika ta' Malta et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013,* ***Valletta Freight Services Limted v. Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Novembru, 2015 u* ***Rosaria Borġ Busuttil v. Onorevoli Prim Ministru et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju, 2019);*

*Ingħad li persuna ma tistax tippretendi li tirċievi rimedju minn qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali meta jirriżulta li hija stess tkun għażlet li ma tużax ir-rimedji ordinarji li kienet tagħtiha l-liġi ordinarja. Dan għaliex kif sew imtenni fis-Sentenza,* ***Nardu Balzan Imqareb v. Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja*** *mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) fit-18 ta' Mejju, 2006,*

> *«Rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u adottata qabel ma' l-Gvern, jew l-amministrazzjoni tagħha, jiġi akkużat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċċittadin, meta liċ-ċittadin ikunu pprovduti u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu.»*

*Kif qalet tajjeb il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***John Sammut v. Awtorità tal-Ippjanar et*** *deċiża fis-27 ta' Frar, 2003, il-fatt li għemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fundamentali ma jfissirx tabilfors li l-uniku rimedju effettiv huwa dak kostituzzjonali jew konvenzjonali. Kieku kien hekk, il-****provisos*** *tal-****artikolu 46(2)*** *tal-****Kostituzzjoni*** *u tal-****artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta*** *kienu jkunu superfluwi jew saħanistra bla sens (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet* ***Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et*** *u tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet* ***Teddy Rapa v. Chairman talAwtorità tal-Ippjanar et****);*

*Dejjem fuq din l-istess linja ta' ħsieb, ġie miżmum ukoll fis-*sentenza, ***Tat-Taljan Company Limited v. L-Awtorità tal-Ippjanar*** *deċiża mill-*Qorti Kostituzzjonali *fit-2*

*ta' Novembru, 2001 li,*

> *«sakemm tibqa' il-possibilità li leżjoni ta' xi dritt fundamentali seta' kien, jew għad jista' jiġi, rettifikat bil-proċeduri w mezzi ordinarji provduti mil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li din il-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha. Fejn għad hemm disponibbli mezzi ordinarji, dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li r-rimedji ordinarji jiġu eżawriti definittivament jew meta ma jkunux disponibbli.»*

*Anke f'sentenzi aktar riċenti l-qrati kostituzzjonali qagħdu lura milli jieħdu għarfien ta' ilmenti kostituzzjonali meta ntebħu li r-*rikorrenti *kienu naqsu* kompletament *milli jinqdew bir-rimedji li kienet tagħtihom il-liġi (ara* ***Horace sive Grezzju Cassar v. L-Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-*Qorti Kostituzzjonali *fl-10 ta' Jannar, 2005,* ***John Mary Chircop v. Kummissarju tal-Pulizija et*** *deċiża mill-*Qorti Kostituzzjonali *fis-7 ta' Lulju, 2007,* ***Olaf Ċini v. Ir-Repubblika ta' Malta et*** *deċiża mill-*Qorti Kostituzzjonali *fil-25 ta' Ottubru, 2013,* ***Gafà Saveways Limited v. Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-*Qorti Kostituzzjonali *fit-30 ta' Ottubru, 2015 u* ***JA&M Developments Limited v. L-Avukat Ġenerali et et*** *deċiża mill-*Qorti Kostituzzjonali *fit-23 ta' Novembru, 2020)* ***jew meta r-rikorrent jagħmel użu ħażin mill-jedd mogħti lilu bil-liġi ordinarja (ara b'eżempju A & J Hili ta' Miema Ltd. vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Frar, 2005);*** ***(enfasi ta' din il-Qorti).***

*Naturalment meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fundamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser. Fuq kollox, dan ir-rimedju jrid jkun wieħed aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat (ara* **Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991 u* **Louise Xerri et v. Kummissarju tal-Artijiet** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Mejju, 2016). M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed iżda li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi użat b'mod prattiku, effettiv u effikaċi (ara* **Rea Ceramics Limited v. Kunsill Malti Għall-Isport et** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Lulju, 2014);*

*Tassew ir-regola li trid, li min idur għar-rimedju straordinarju għandu qabel ifittex ir-rimedji ordinarji kollha, ma hix xi regola teknika ta' applikazzjoni awtomatika. Il-Qorti għandha diskrezzjoni biex tara jekk, fiċ-ċirkostanzi, ir-rimedju ordinarju kienx ikun biżżejjed għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali; ħalli b'hekk ma jsirx rikors għar-rimedji straordinarji, meta dawk ordinarji kienu jkunu biżżejjed. Ma hemm ebda ħtieġa, iżda, illi r-rikorrent ikun ħela ħin u spejjeż fi proċeduri li x'aktarx ma jagħtuhx rimedju tajjeb (ara* **Evelyn Montebello et v. L-Avukat Ġenerali et** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018 u* **Louis Apap Bologna v. Avukat Ġenerali et** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu, 2019); jew meta l-possibbiltà li jingħata rimedju taħt il-liġi ordinarja tkun waħda remota (ara* **Joseph Bartolo v. Onorevoli Prim Ministru** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Diċembru, 2002,* **John Mattei et v. L-Awtorità tad-Djar et** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5*

*ta' Ottubru, 2018 u* ***Glen James Scott v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar, 2022);''*

L-istess ingħad fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Carmel sive Lino Caruana vs Avukat ta' l-Istat** il-Qorti Kostituzzjonali kellha dan xi tgħid in tematika:-

> *"Din il-Qorti titlaq billi tosserva illi l-****provisos*** *għall-****Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta*** *u għall-****Artikolu 4(2)*** *tal-****Att dwar ilKonvenzjoni Ewropea****, jgħidu illi l-Qorti tista', jekk tqis li jkun hekk desiderabbli li tagħmel, illi tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali jew konvenzjonali tagħha, f'kull każ meta hija tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.*
>
> *Kif qalet tajjeb il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***John Sammut v. Awtorità tal-Ippjanar et*** *deċiża fis-27 ta' Frar, 2003, il-fatt li għemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fundamentali ma jfissirx tabilfors li l-uniku rimedju effettiv huwa dak kostituzzjonali jew konvenzjonali. Kieku kien hekk, dawn il-provisos kienu jkunu superfluwi jew saħanistra bla sens (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet* ***Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et*** *u tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet* ***Teddy Rapa v. Chairman tal-Awtorità tal-Ippjanar et****).*

*21. Anke f'sentenzi aktar riċenti l-Qrati Kostituzzjonali qagħdu lura milli jieħdu għarfien ta' ilmenti kostituzzjonali meta ntebħu li r-rikorrenti kienu naqsu kompletament milli jinqdew bir-rimedji li kienet tagħtihom il-liġi (ara* ***Horace sive Grezzju Cassar v. L-Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Jannar, 2005,* ***John Mary Chircop v. Kummissarju tal-Pulizija et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Settembru, 2007,* ***Olaf Cini v. Ir-Repubblika ta' Malta et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013,* ***Gafà Saveways Limited v. Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ottubru, 2015, u* ***JA&M Developments Limited v. L-Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Novembru, 2020) jew meta r-rikorrent*

*jagħmel użu ħażin mill-jedd mogħti lilu bil-liġi ordinarja (ara b'eżempju* ***A & J Hili ta' Miema Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud****, Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Frar, 2005).*

22. *Minkejja dan kollu, huwa mistenni li din ir-regola m'għandhiex tintuża superfiċjalment biex il-Qorti taħrab mir-responsabbilitajiet tagħha milli tqis il-menti ta' bixra kostituzzjonali. F'dan is-sens, l-appellant Camilleri jgħid sew illi din ir-regola, li wieħed għandu l-ewwel ifittex li jinqeda bir-rimedji ordinarji kollha qabel ma jdur għall-azzjoni kostituzzjonali, mhijiex regola teknika ta' applikazzjoni awtomatika.*

23. *Meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fundamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser. Ir-rimedju ordinarju jrid jkun wieħed aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat (ara* ***Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil5 ta' April, 1991, u* ***Louise Xerri et v. Kummissarju tal-Artijiet*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Mejju, 2016). Biex ir-rimedju jitqies bħala wieħed effettiv, m'hemmx għalfejn li jintwera li dak ir-rimedju jkun wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit. Biżżejjed iżda li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi wżat b'mod prattiku, effettiv u effikaċi (ara* ***Rea Ceramics Limited v. Kunsill Malti Għall-Isport et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Lulju, 2014).*

24. *Il-Qorti għandha diskrezzjoni biex tara jekk, fiċ-ċirkostanzi, irrimedju ordinarju kienx ikun biżżejjed għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali; ħalli b'hekk ma jsirx rikors għar-rimedji straordinarji, meta dawk ordinarji kienu jkunu biżżejjed.*

25. *Ma hemm ebda ħtieġa, iżda, illi r-rikorrent ikun ħela ħin u spejjeż fi proċeduri li x'aktarx ma jagħtuhx rimedju tajjeb (ara* ***Evelyn Montebello et v. L-Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018 u* ***Louis Apap Bologna v. Avukat Ġenerali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu, 2019). Hekk ukoll ir-rikorrent m'għandux jiġi mċaħħad milli*

*jinqeda bir-rimedju kostituzzjonali jekk jintwera li l-possibbiltà li jingħata rimedju taħt il-liġi ordinarja tkun waħda ta' fula f'qargħa (ara* ***Joseph Bartolo v. Onorevoli Prim Ministru*** *deċiża millQorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Diċembru, 2003,* ***John Mattei et v. LAwtorità tad-Djar et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2018 u* ***Glen James Scott v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar, 2022).*

26. *Illi meta wieħed jorbot dawn il-prinċipji legali man-natura tal-ilment kostituzzjonali mressaq mill-appellant Camilleri, joħroġ bil-wisq evidenti li dan il-każ huwa xbiha ċara fejn huwa desiderabbli li bit-tħaddim Tal provisos fuq imsemmija, Qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali għandha toqgħod lura milli teżerċita s-setgħat tagħha.*

27. *Huwa bil-wisq ovvju li l-istima tal-espert ġudizzjarju kellha tiġi attakkata mill-appellant Camilleri bil-mezz ta' talba għall-ħatra ta' esperti addizzjonali skont l-****Artikolu 674 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili*** *u mhux bil-mezz ta' kawża kostituzzjonali."*

Insibu ripetut li dan ir-rimedju daqshekk straordinarju għar-rikors konvenzjonali u Kostituzzjonali mhux permess meta rimedju ordinarju li kien effettiv effikaċi u ad disposizzjoni tar-rikorrenti ġie utilizzat b'mod ħażin, dan intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Wasim Rakib vs l-Agenzija Għal Protezzjoni Internazzjonali et.** [4]

*"33 Kif qalet tajjeb il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***John Sammut v. Awtorità tal-Ippjanar et*** *deċiża fis-27 ta' Frar, 2003, il-fatt li għemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fundamentali ma jfissirx tabilfors li l-*

[4] 11/11/2022 rikors 79/2022 Prim'Awla sede Kost.

*uniku rimedju effettiv huwa dak kostituzzjonali jew konvenzjonali. Kieku kien hekk, il-**provisos** tal-**artikolu 46(2)** tal-**Kostituzzjoni** u tal-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** kienu jkunu superfluwi jew saħanistra bla sens (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet **Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et** u tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet **Teddy Rapa v. Chairman tal-***

***Awtorità tal-Ippjanar et**);*

*34 Anke f'sentenzi aktar riċenti l-qrati kostituzzjonali qagħdu lura milli jieħdu għarfien ta' ilmenti kostituzzjonali meta ntebħu li r-rikorrenti kienu naqsu kompletament milli jinqdew bir-rimedji li kienet tagħtihom il-liġi (ara **Horace sive Grezzju Cassar v. L-Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Jannar, 2005, **John Mary Chircop v. Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Lulju, 2007, **Olaf Ċini v. Ir-Repubblika ta' Malta et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013, **Gafà Saveways Limited v. Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ottubru, 2015 u **JA&M Developments Limited v. L-Avukat Ġenerali et et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Novembru, 2020) jew meta r-rikorrent jagħmel użu ħażin mill-jedd mogħti lilu bil-liġi ordinarja (ara b'eżempju **A & J Hili ta' Miema Ltd. vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**, Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Frar 2005) ;"*

Tikkunsidra ulterjorment.

Huwa ċar li jekk ir-rikorrenti kellu xi lment fuq l-applikazzjoni tal-liġi fir-rigward tal-imputazzjoni u s-sussegwenti sejbien ta'ħtija dan seta jagħmlu tramite appell apositu. L-artikolu 419 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula b'mod ċar kif għand jiġi interpost appell minn sentenza tal-Qorti

tal-Magistrati kif fil-kaz in deżamina. Jgħid ċar li dan irid juri l-fatti fil-qosor, r-ragunijiet tal-appell ukoll t-talba għat-tħasir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti inferjuri. Dan hu r-rimedju **floku** li kellu Ġianni Attard biex jattakka s-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati.

Il-fatt li hu interpona appell però fl-aggravji għażel li ma jindirizzax il-kwistjoni tal-liġi sussidjarja li donnu tagħha nstabet ħtija ukoll, **għax per parentesi ma ġewx imniżżla l-artikoli relatati mal-ħtija**, ma jagħtix lok li issa jaderixxi lil Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali/konvenzjonali bil-lanjanza taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Kif sew ingħad fil-ġurisprudenza ċitata r-rikorrenti fil-fatt għamel użu ħażin mir-rimedju ordinarju li kien aċċessibbli għalih u għal kollox effikaċi kieku utilizzat b'mod sew.

Ma jistax jippretendi issa li jiġi quddiem din il-Qorti f'din il-ġurisdizzjoni ta' natura tant delikata u straordinarja u jattakka l-operat ta' Qorti oħra bl-allegazzjoni tal-ksur lamentat u juża lil din il-Qorti bħala waħda revisorja u tat-tielet grad mhux meta l-ilment hu dak li hu.

Għal fini ta' kompletezza, il-Qorti tħoss li għandha tgħaddi ukoll s-segwenti kumment: wara li rat l-artikoli 35(1)(c)(iii) tal-Kap 437 tqies lil piena li setgħet tiġi erogata bl-applikazzjoni tiegħu hi dik ta' piena karċerarja sitt xhur jew multa ta mhux iżjed minn €23,293.73 jew t-tnejn f'daqqa, għalhekk a prexindere mill-applikazzjoni ta' l-artikolu 17 meta jkun hemm konkors tar-reati, l-piena errogata u kif kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, applikat biss il-Kap 437 tal-Liġijiet ta' Malta ċioe' dik ta multa hija sew fil-limiti permessi għar-reat hemm maħsub.

**Permess is-suespost il-Qorti ssib illi għar-ragunijiet premessi tilqa l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u ssib illi r-rikorrenti naqas milli juża rimedji ordinarji effettivi li tagħtih il-liġi u jinterponi appell ġust lil Qorti tal-Appell bl-aggravji sew li kienu jolqtu lilu;**

**Konsegwentement qegħda tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bi spejjeż ta' din l-istanza għalih.**

**Onor. Miriam Hayman.**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina,**
**Dep. Reg.**